TRIBUNAL INDUSTRIJALI

(Decizjoni Numru 1408)

Kaz Nru 1367

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Saviour Psaila
u
HSBC Bank plc
Dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Illum disgha u ghoxrin (29) ta' April 2003.

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onovrevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 17 ta' Awissu, 1999, b'riferenza MSP/TI/67/99 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Appellant Saviour Psaila kien assistit mill-avukat Carmelo Mifsud Bonnici, waqt li l-HSBC Bank plc kienet rapprezentata mis-Sur John Bezzina assistit mill-avukat Andrew Borg Cardona.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

L-Appellant fl'istqarrija tal-kaz tieghu jghid li kien ilu mpjegat mal-Bank mid-29 ta' Settembru, 1986, l-ewwel bhala messaggier u aktar tard bhala watchman. Huwa jkompli jghid, li dejjem ghamel xoghlu b'diligenza kbira u dejjem gharaf jerfa r-responsabilitajiet li jigi ma dan ix-xoghol b'ghaqal kbir u b'onesta u qatt ma kellu kumment avers fil-kondotta tieghu. Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu billi jghid, li recentement u minghajr ebda forma ta' pre-avviz ta' xejn huwa ircieva ittra ta' terminazzjoni tal-impieg tieghu abbazi ta' l-allegazzjoni li huwa ghamel delitt inkonessjoni max-xoghol tieghu. Minkejja li huwa irrifjuta l-allegazzjoni izda xorta wahda l-pozizzjoni tal-Bank kienet li huwa ghandu jibqa imkecci.

Is-Socjeta intimata fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet, li l-appellant kien impjegat ghal diversi snin bhala watchman fit-taqsima ta' Security fl-ufficcju ewlieni tal-Bank. F'Mejju 1999, il-Bank gie mgharraf li l-appellant kien involut bhala imputat fi procedri kriminali fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema proceduri ntemmu b'sentenza tas-sittax ta' April, 1999, li fiha l-appellant instab hati ta' ksur tal-artikoli 4 u 5 tal-Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi sussegwentament wara ivverifika it-tgharif li gie moghti lilu ittermina l-impieg ta' l-appellant.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi fejn gie stabilit li l-appellant kien impjegat mal-Bank fil-grad ta' watchman. Gie stabilit ukoll quddiem it-Tribunal Industrijali, li l-appellant kien ivolut bhala imputat fi proceduri kriminali fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn b'sentenza datata 16 ta' April, 1999 instab hati flimkien ma persuna ohra, li fl-10 ta' Marzu, 1999 u/jew fix-xhur ta' qabel, fl'inhawi tas-Seaport, il-Marsa, minghajr il-permess tal-Ministru, bhala persuni li mhumiex negozjanti awtorizzati, bhala residenti Maltin, f'Malta, xtraw jew isselfu xi deheb jew flus barranin.

DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali, wara li kkunsidra l-istatements of case u s-Sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddeciedi li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ghar-raguni gusta.

Ghall-finijet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986, jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju